# TWELIDT

*Lil bin Alessandro Habela...*
*Ta' "Taħt Tliet Saltniet".*

*Twelidt minn omm Maltija bint ir-raba'*
*Li wirtet l-għana mill-agħsafar ġwejda*
*Li għandha ferħ ġewwieni, ferħ bix-xaba',*
*U taf tgħid kliem ta' ħlewwa, kliem ta' fejda.*

*U minn missier bil-għaqal, wild iblietna*
*Iben il-għonja, f'saħħtu, kollu ħajja*
*Bin omm il-kotba, bin dik l-omm li sqietna*
*Bil-għerf tax-xjenza, t'arti wkoll tal-ġrajja.*

*Għalhekk int ward ta' xitla sbejħa, bnina,*
*Ta' żewġ ħajjiet imwaħħda ġo l-imħabba*
*Ta' żewġ ulied ta' dina l-art ħanina,*
*Li hienja tilqgħek fiha biex titrabba.*

*Int bin il-fqir u l-għani—frott imbierek.*
*Mhux li din Malta jkollha Binha bħalek.*

ANTON AZZOPARDI
*(Student: Kors Akkad. tal-Letteratura)*